MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 703/2002

**Avviz numru  703/02 DM**

**Etienne Pecorella**

**Vs**

**Deep Sea Aqua Culture Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti, ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, erba’ mija u wiehed u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,431.85) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti l-bilanc tal-paga minnhom pagabbli lill-attur ghall-perjodu bejn it-22 ta’ Mejju, 2002, u s-16 ta’ Lulju, 2002, meta l-istess attur kien fl-impieg taghhom.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult ghaxar liri Maltin (Lm10) u tal-ittra legali tas-6 ta’ Awwissu, 2002, hames liri

Maltin (Lm5), u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dana l-att sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta u d-diretturi taghha li gew ingunti ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:

1. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u dana peress illi l-attur ma hadimx ghall-perjodu minnu indikat fl-avviz fl-ismijiet hawn fuq premessi.
2. Ir-rata kalkolata mill-attur biex wasal ghall-ammont minnu pretiz hija skorretta u dana peress illi a bazi ta' skrittura datata 22 ta' Mejju, 2002, iffirmata bejn il-partijiet is-salarju tal-attur kellu jkun ta' sittax-il lira Maltin (Lm16) ghal kull gurnata xoghol.
3. Inoltre l-eccipjent hallsu lill-attur ghax-xoghol li huwa ghamel mas-socjeta' esponenti.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur u l-konvenuti kienu fthiemu b'kuntratt tat-22 ta' Mejju, 2001, modifikat fid-29 ta' Mejju, 2002, esibit a fol. 42 u 43 tal-process, permezz ta' liema l-attur kellu jaghti lill-konvenuti s-servizz ta' 'diver'.

Dan l-istess kuntratt ma giex redatt b'xi precizjoni partikolari, infatti ghalkemm l-impjieg gie kkwalifikat bhala xoghol ta' 'diver' "barra mill-ibhra territorjali ta' Malta" il-partijiet hassew il-htiega li jistabbillixxu salarju ta' sittax-il lira Maltin (Lm16) kuljum waqt it-terminu ta' l-impjieg b'

‘allowance’ ta’ erbgha u hamsin lira Maltin (Lm45) ulterjuri billi x-xoghol ghandu jsir barra l-ibhra territorjali ta’ Malta.

Il-fatt li ma giex mill-ewwel pattwit salarju ta’ sebghin lira Maltin (Lm70) kuljum u l-fatt li ghall-bidu meta kien ghadu ma inghatax xoghol fuq il-bahar kien ghadu ma gie miftiehem xejn fuq l-‘allowance’, huma ndikattivi illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi sakemm ikunu qieghdin isiru l-arrangamenti u l-pjanijiet ghall-imbarkar, u waqt li l-attur kien obbligat li jkun ‘stand by’, kif fisser Victor Galea d-direttur tal-kumpanija konvenuta, l-attur ma kienx intitolat ghall-‘allowance’ izda biss ghar-rata bazi ta’ sittax-il lira Maltin (Lm16) kuljum.

Ghalhekk ma jirrizultax iktar dubbju dwar il-bidu tal-impjieg ta’ l-attur li huwa l-jum tat-22 ta’ Mejju, 2002, li fih gie ffirmat il-kuntratt. Lanqas ma tirrizulta xi ambigwita’ dwar id-data tat-terminazzjoni ta’ l-istess impieg, billi hawn gie pattwit b’mod inekwivoku illi l-impjieg kellu jigi tterminat immedjatament kif appena l-gageg jidhlu lura fl-ibhra territorjali ta’ Malta, izda mhux iktar tard mis-16 ta’ Lulju, 2002.

Il-provi jistabbillixxu illi l-attur beda x-xoghol fuq il-bahar u barra mill-ibhra territorjali ta’ Malta fis-7 ta’ Gunju, 2002, u rega’ dahal lura lejn l-art fis-27 ta’ Gunju, 2002, meta anke ddahhlu l-gageg.

Izda d-divergenza bejn il-kontendenti tikkonsisti fejn waqt li l-attur kif jirrizulta mill-prospett (a fol. 74 tal-process), jippretendi salarju matul il-perjodu kollu tal-impjieg ta’ sebghin lira Maltin (Lm70) kuljum u jippretendi li, nonostante l-klawsola tnejn (2), l-impjieg tieghu ma spiccax immedjatament mad-dhul lura f’Malta, il-konvenuti jippretendu li s-salarju huwa dovut biss ghal granet fuq il-bahar.

Kif diga’ spjegat dawn il-pretensjonijiet huma t-tnejn esagerati u dak li hu dovut lill-attur huwa effettivament hlas ta’ salarju bis-sittax- il lira Maltin (Lm16) kuljum ghal perjodu bejn it-22 ta’ Mejju u s-27 ta’ Gunju (meta spicca l-impjieg), perjodu ta’ sebgha u tletin (37) jum, fis-somma

komplessiva ta’ hames mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm592), u hlas ta’ ‘allowance’ ta’ erbgha u hamsin lira Maltin (Lm54) kuljum ghal perjodu ta’ wiehed u ghoxrin (21) jum bejn is-7 u 27 ta’ Gunju, 2002, fis-somma ta’ elf mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm1,134), ghalhekk total ta’ elf sebgha mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm1,726).

Billi mhux ikkontestat li l-attur diga’ irceva akkont elf, tlett mija u tmintax-il lira Maltin (Lm1,318), huwa ntitolat li jiehu minghand il-konvenuti bilanc ta’ erba’ mija u tmin liri Maltin (Lm408).

Ghaldaqstant filwaqt li tiddikjara li l-impjieg ta’ l-attur kien terminat fis-27 ta’ Gunju, 2002, tilqa’ it-talba tieghu limitatament ghas-somma ta’ erba’ mija u tmin liri Maltin (Lm408) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax mid-9 ta’ Jannar, 2003.

Bl-ispejjes jithallsu in kwantu ghal sesta (1/6) parti mill-konvenuti, u hames sesti (5/6) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------